MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2011

Citazzjoni Numru. 671/2010

**Bank of Valletta p.l.c. (C 2833)**

**vs**

1. **Abbazia Co. Limited (C 13636).**

2. **Peter Paul u Rose mizzewgin Abela (K.I. numri 931547 (M) u 282047 (M).**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta' Bank of Valletta p.l.c. datat 5 ta' Lulju 2010 a fol. 1 tal-process fejn Romuald Attard (K.I numru 644756 (M)) ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess socjeta' attrici jikkonferma bil-gurament:-

Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon datat 18 ta' Mejju 1999 (Dole, "A"), u permezz ta' zewg skritturi privati datati 15 ta' Mejju 1999 (Dok. "B") u 28 ta' Novembru 2002 (Dok. "C"), is-socjeta` attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lis-socjeta' Abbazia Co. Limited.

Illi s-socjeta` attrici tinsab kreditrici tas-socjeta' Abbazia Co. Limited fis-somma ta' tlieta u erbghin elf, seba' mija u tnejn u hamsin ewro u disgha u sebghin centezmu (€43,752.79) bilanc ghad-debitu fil-*"Loan Accounts"* tas-socjeta' Abbazia Co. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "D 1 sa D 8" u Dok. "E 1" sa "E 7") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' April 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Illi permezz ta' zewg skritturi privati datati 15 ta' Mejju 1999 (Dok. "B") u 28 ta' Novembru 2002 (Dok. "C"), il-konvenuti Peter Paul u Rose mizzewgin Abela ggarantew flimkien u "in solidum" mas-socjeta' Abbazia Co. Limited a favur tal-Bank of Valetta p.l.c. id-debiti tal-istess socjeta' Abbazia Co. Limited mal-Bank of Valletta p.l.c.

Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi privati fuq imsemmija (u hawn ezibiti bhala Dokumenti "A", "B" u "C",) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela:-

(a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skritturi.

(b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratti u skritturi sopraindikati, u/jew,

(c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ zewg ittri ufficjali datati 6 ta’ Lulju 2007 li kopji taghhom qed jigu ezibiti u mmarkati Dok. “F” u “G”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Illi ghalhekk l-istess socjeta` atturi talbet lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u ezibiti bhala Dokumenti “A”, “B” u “C”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta’ Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta’ Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta’ tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta’ Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela, jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ tlieta u erbghin elf, seba’ mija u tnejn u hamsin ewro u disgha u sebghin centezmu (€43,752.79) bilanc ghad-debitu fil*”Loan Accounts”* tas-socjeta’ Abbazia Co. Limited mal-Bank of Valletta p.l.e. (Dok. “D 1” sa “D S” u Dok. “E 1” sa E 7”) flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta’ April 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-erba’ ittri ufficjali datati 6 ta’ Lulju 2007 kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 3 sa fol 45 tal-process.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tas-7 ta’ Dicembru 2010.

Rat ir-risposta mahlufa tal-konvenuti kollha, il-kumpanija Abbazia Company Limited u Peter Paul u Rose konjugi Abela datata 9 ta' Novembru 2010 a fol. 85 tal-process fejn bir-rispett u bil-gurament tieghu, Peter Paul Abela (detentur tal-karta ta l-identita bin-numru 931547 (M)), jikkonferma:-

1. Illi t-talbiet tal-kumpanija bankarja attrici in kwantu diretti kontra l-kumpanija esponenti Abbazia Company Limited huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi sehhet novazzjoni, kif ser jigi ippruvat afijar matul it-trattazzjoni ta'dina l-kawza.

2. Illi *inoltre* u minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet tal-kumpanija bankarja attrici huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi mhuwiex minnu illi hemm xi bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-esponenti, kif allegat mill-kumpanija bankarja attrici, li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta` tal-hlas u dan peress illi, fost affarijiet ohra, il-kumpanija bankarja attrici kienet u ghadha tgawdi ipoteka specjali fuq il-proprjeta` imsemmija fil-kuntratt ta' nhar it-18 ta Mejju 1999 fl-atti tan-Nutar Dottor Pierre Falzon u l-proprjeta` in kwistjoni tiswa' hafna aktar minn dak reklamat mill-kumpanija bankarja attrici f'din l-istanza.

3. Illi t-talbiet tal-kumpanija bankarja attrici in kwantu diretti kontra l-esponenti Peter Paul u Rose konjugi Abela personalment huma totalment infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi kwalunkwe dritt ta' azzjoni taht l-iskritturi privati ta' nhar il-15 ta' Mejju 1999 u t-28 ta' Novembru 2002 huwa preskritt *ai termini* tal-**artikoli 2156 (d), (e) u (f) tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta).**

4. Illi fi kwalunkwe kaz, taht l-iskrittura privata ta' nhar it-28 ta' Novembru 2002 l-esponenti Peter Paul u Rose konjugi Abela ma obbligawx ruhom solidalment u l-ammont pagabbli taht l-istess skrittura huwa limitat ghall-ammont indikat fi klawzola erbgha (4) ta' dik l-iskrittura u ghalhekk ukoll l-ammont mitlub mill-kumpanija bankarja attrici kontra l-imsemmija Peter Paul u Rose konjugi Abela personalment ma huwiex dovut.

5. Illi sussidjarjament it-talbiet tal-kumpanija bankarja attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-ammont reklamat jinkludi fih imghaxijiet fuq imghaxijiet.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment jitolbu illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha tichad it-talbiet tal-kumpanija bankarja attrici, bl-ispejjez kontra taghha. Ir-rapprezentanti tal-kumpanija bankarja attrici huma minn issa stess ingunti ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenuti kollha a fol 86 u 87 tal-process.

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-18 ta’ Jannar 2001 meta ssejhet il-kawza deher Dr. William Cuschieri gahll-konvenuti, Peter Abela prezenti. Xehed Peter Paul Abela. Dr. Cuschieri talab differiment sabiex iharrek lil Mrs. Graziella Perrone. Dr. Dominic Cassar irrimetta ruhu. Il-Qorti cahdet it-talba *stante* li l-kawza kienet appuntata bil-hin ghall-provi kollha tal-partijiet. Id-difensuri talbu jaghmlu nota ta’ referenzi. Il-Qorti laqghet it-talba u pprefeggiet terminu ta’ ghoxrin (20) gurnata lis-socjeta` attrici ghal tali nota bin-notifika lill-kontro-parti jew difensur taghha li jkollha ghoxrin (20) gurnata ghan-nota resposniva ta’ referenzi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-5 ta’ Mejju 2011.

Rat in-nota ta’ riferenzi tas-socjeta` attrici Bank of Valletta p.l.c. datata 31 ta’ Jannar 2011 a fol 108 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuti datata 2 ta’ Frar 2011 a fol 112 tal-process.

Rat ir-rikors datat 23 ta’ Frar 2011 tas-socjeta’ attrici sabiex tipprezenta replika u d-digriet ta’ din il-Qorti datat 22 ta’ Marzu 2011 fejn il-Qorti laqghet it-talba.

Rat ir-replika tas-socjeta’ attrici datata 24 ta’ Marzu 2011.

Rat in-nota responsiva konvenuta datata 18 ta' April 2001 ghall tali replika attrici.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi jirrizulta li permezz ta' kuntratt pubbliku datat 18 ta' Mejju 1999 fl-atti tan-Nutar Pierre Falzon (Dok. "A" – fol. 5) l-Bank attur kien ta facilitajiet ta' self lis-socjeta' fl-ammont ta' Lm27,000 u gew miftehma modalitijiet ta' pagament ghall-hlas ta' l-istess u wkoll diversi kondizzjonijiet li l-istess socjeta' intimata kellha tirrispetta u fin-nuqqas ta' tharis jew osservazzzjoni da parte tas-socjeta' konvenuta ta' wahda jew iktar mill-istess, il-Bank attur zamm id-dritt li b'semplici avviz (*notice)* jesigi l-hlas tal-ammont kollu dovut lilu in konnessjoni ma' tali self jew kull ammont bilancjali talvolta dovut bl-interessi kollha relattivi pattwiti.

Illi barra minn dan, jirrizulta li l-istess konvenuti personalment dahlu garanti solidali ghall-istess self u imghaxijiet dovuti skond l-istess kuntratt bi skrittura privata datata 15 ta' Mejju 1999 (Dok. "B") u jirrizulta wkoll li l-istess konvenuti ffirmaw garanzija ulterjuri datata 28 ta' Novembru 2002 (Dok. "C").

Illi jirrizulta wkoll li s-socjeta' konvenuta waqghet lura fil-pagamenti pattwiti u gew interpellati diversi drabi nkluzi b'ittri datati 23 ta' Settembru 2003, 28 ta' Ottubru 2003, 30 ta' Dicembru 2003, 17 ta' Frar 2004, 5 ta' Marzu 2004, 27 ta' Frar 2007 (Dok. "JM 3" sa Dok. "JM 9") u 18 ta' April 2007 (Dok. "JM 11"), kif jirrizulta mix-xhieda ta' Jane Mifsud, *Senior Relationship Manager* tas-socjeta' attrici

(affidavit datat 16 ta' Settembru 2010 – fol. 58). L-istess bank attur interpella b'ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju 2007 lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' Lm15,663.95 bilanc dovut fuq l-istess Loan Account flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Gunju 2007 (fol. 78) li giet notifikata lis-socjeta' konvenuta fit-12 ta' Lulju 2007 (fol. 79).

Illi jirrizulta wkoll li l-konvenuti personalment gew interpellati sabiex ihallsu l-ammont ta' Lm15,396.02 abbazi tal-garanziji solidali minnhom iffirmati datati 15 ta' Mejju 1999 u 28 ta' Novembru 2002 u dan permezz ta' ittra interpellatorja datata 18 ta' April 2007 (Dok. "JM 10" – fol. 76). L-istess bank attrici interpella b'ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju 2007 lill-konvenut personalment bhala garanti solidali mas-socjeta' konvenuta sabiex bhala tali jhallsu l-ammont ta' Lm15,663.95 bilanc dovut fuq l-istess Loan Account flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-21 ta' Gunju 2007 (fol. 78) dovut mis-socjeta' konvenuta fit-12 ta' Lulju 2007 (fol. 79) u dan dejjem a bazi tal-istess skritturi privati datati rispettivament 15 ta' Mejju 1999 u 28 ta' Novembru 2002, notfikati lill-konvenuti personalment fit-12 ta' Lulju 2007.

Illi jirrizulta li l-Bank accetta li jiltaqa' mal-konvenuti kif jirrizulta minn ittra datata 8 ta' Awissu 2007 u saret laqgha fil-31 ta' Awissu 2007 saret din il-laqgha u minn dak in-nhar saru biss zewgt pagamenti dak datat 13 ta' Settembru 2007 fl-ammont ta' Lm145 u iehor datat 13 ta' Ottubru 2007 fl-ammon ta' Lm100. Fl-laqgha ohra fl-20 ta' Lulju 2009 jidher li l-konvenuti inghataw opportunita' li jhallsu pagamenti mensili din id-darba sakemm tinbiegh xi proprjeta' izda lanqas dawn il-pagamenti ma' saru u ghalhekk l-bank attur istitwixxa din il-kawza.

Illi l-konvenuti qed iqajjmu diversi eccezzjonijiet u l-ewwel wahda hija li in kwantu l-istess talbiet attrici huma diretti kontra s-socjeta' konvenuta kien hemm novazzjoni, u fil-fatt l-konvenut jghid li l-Bank kien accetta li jistenna sakemm l-konvenuti jbieghu l-immobbbli ndikata mill-konvenut fix-xhieda tieghu tat-18 ta' Jannar 2011.

Illi pero' din in-novazzjoni ma tirrizultax ghaliex ma jidhirx li minn naha tal-Bank qatt kien hemm intenzjoni li titbiddel i-relazzjoni tieghu mal-intimati, izda biss offra l-opportunita' lill-intimati li waqt li jibdew jaghmlu xi pagamenti, ma jesegwhux mill-ewwel u jaghtu cans lill-intimati li jbieghu l-proprjeta', haga li l-konvenuti baqaw ma ghamlux u lanqas hallsu l-pagamenti indikati lilhom, u wisq inqas il-pagamenti indikati fl-istess kuntratt ta' self mertu tac-citazzjoni odjerna.

Illi certament fl-istat ta' provi kif inhuma ma jistax jinghad li kien hemm xi accenn ta' novazzjoni u qatt ma jidher li l-Bank attur kellhu xi darba xi intenzjoni li jaghmel novazzjoni b'dan li tigi estinta l-obbligazzjoni l-qadima u tinholoq wahda gdida.

Illi fil-fatt jinghad li n-novazzjoni hija deskritta mit-***Torrente*** b'dan il-mod:-

*"La novazione …..e' un contratto con il quale i soggetti di un rapporto obligatorio sostituiscono un nuovo rapporto a duello originario".*

Illi din in-novazzjoni tista' ssir *ai termini* tal-**artikolu 1179 tal-Kap 16** billi:-

*(a) "meta d-debitur jaghmel mal-kreditur tieghu dejn gdid, u dan jigi mqieghed flok il-qadim, li jispicca;*

*(b) meta id-debitur il-gdid jigi mqieghed flok il-qadim, illi jigi mehlus mill-kreditur;*

*(c) meta, bis-sahha ta' obbligazzjoni gdida, kreditur gdid jigi mqieghed flok il-qadim, li lejh id-debitur jigi mehlus".*

Illi mill-artikoli sussegwenti ghall-istess jinghad ukoll li:-

**Artikolu 1180 (2) -** *"In novazzjoni ma hijiex prezunta; l-intenzjoni li ssir ghandha tidher bic-car".*

**Artikolu 1180 (1) -** *"Ma hemmx novazzjoni jekk l-obbligazzjoni qadima ma tigix maqtula, ghalkemm tigi mbiddla".*

**Artikolu 1180 (2) -** *"It-tismija wahidha, maghmula mid-debitur, ta' persuna li ghandha thallas minfloku, ma ggibx in-novazzjoni".*

**Artikolu 1183. -** *"Id-delegazzjoni li biha d-debitur jaghti lill-kreditur tieghu debitur iehor, illi jintrabat lejn dan il-kreditur, ma ggibx novazzjoni, jekk il-kreditur ma jkunx iddikjara espressament il-volonta' tieghu li jehles lid-debitur li jkun ghamel id-delegazzjoni".*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Anthony Galea vs Mario Hallett proprju *et nomine*"** (P.A. (RCP) 28 ta' Gunju 2001) minn dan kollu jirrizulta car li n-novazzjoni ma tistax tigi prezunta, u dan ghaliex bazikament in-novazzjoni tikkostitwixxi rinunzja tad-drittijiet tal-kreditur ghall-obbligazzjoni ohra u *"il est de principe que les renonciations ne se presument pas"* ***(Carbonnier)*** tant li *"la volonta' di estinguere l'obligazione precedente (animus novandi), che puo' risultare come ogni dichiarazione di volonta', anche tacitamente, per facta concludentia".*

Illi ghalhekk skond l-istess massimi fuq indikati nghad fil-kawza fl-ismijiet **"Antonio Sammut vs Antonio Mifsud"** (A.K. 14 ta' Settembru 1943) li:-

*"Il-kwistjoni kollha qieghda taggira ruhha jekk l-obbligazzjoni antika bejn il-partijiet gietx estinta u ghalhekk saritx novazzjoni".*

Illi fil-kawza **"Franco Busuttil *noe vs* Anthony Mallia"** (K. (JDC) 25 ta' Marzu 1993) insibu li l-istess Qorti qalet:-

*"Illi skond il-ligi (**artikolu 1180 (2) Kodici Civili, Kap 16**) in-novazzjoni qatt ma tista' tkun prezunta. Ghall-kuntrarju l-intenzjoni li ssir novazzjoni ghandha tirrizulta bic-car ghalkemm ma hemmx bzonn li jintuzaw kliem jew formoli specjali. Hemm ukoll li jkun hemm inkompatibbilta' bejn iz-*

*zewgt' obbligazzjonijiet u fid-dubju n-novazzjoni ghandha tigi eskluza. (Ara Kollez. Vol. XXX.I.943)".*

Llli certament li mill-provi prodotti f'din il-kawza ma hemm lanqas biss accenn ta' tali novazzjoni b'dan li l-Qorti tqis tali eccezzjoni mhux biss mhux ippruvata izda adirittura frivola u dan iktar u iktar fil-kuntest ta' dak li xehed l-istess konvenut Peter Paul Abela fis-seduta tat-18 ta' Jannar 2011. Fil-fatt minn din ix-xhieda jirrizulta li l-Bank lanqas qatt ma kellhu intenzjonili b'xi mod jidhol f'obbligazzjondi gdida mal-konvenuti jew uhud minnhom u allura wahda mill-elementi ta' novazzjoni *"l-animus novandi"* hija nieqsa ghall kollox (ara **"Joanna Briffa vs Bernard Gauci et"** (A.I.C. (PS) – 22 ta' Gunju 2006); **"Frendo Randon vs Vella Gera"** – A.C – 27 ta' Gunju 1952 – Vol. XXXVI.i.229).

Illi kif qalet sew is-socjeta' attrici mhux bizzejjed sabiex isehh novazzjoni li jkun hemm xi koncessjoni jew anke xi ftehim dwar xi aspett accessorju tal-obbligazzjoni, ghaliex b'dan ma tkunx inqatlet l-obbligazzjoni ta' qabel, imam tkun sehhet biss bidla fl-amministrazzjoni jew l-estent taghha. **("John's Garage Limited vs Nicholsons The Supermarket Ltd"** – A.I.C. (PS) – 22 ta' Gunju 2005) u l-fatt li d-debitur jinghata l-fakolta li jtawwal iz-zmien tal-hlas ma jfissirx li saret novazzjoni ghaliex l-obbligazzjoni ewlinija u originali ma tkunx tnehhiet, anzi ghall kuntrarju l-bdil jew estensjoni taz-zmien jipprezumu, anzi jikkonfermaw l-obbligazjoni originali u dan skond kif deciz fis-sentenza **"Dr. Mercieca nomine vs Grixti"** (A.K. – 15 ta' Marzu 1993 – Vol. LXXVII.ii.74) u **"C & F Building Contractors Limited vs Church Street Development Limited"** (P.A. (RCP) - 23 ta' Frar 2010). Il-konvenuti rreferew ghad-decizjoni **"Maria Rita Calleja vs Godwin Borg et"** (P.A. (JZM) – 30 ta' Settembru 2010) izda din bl-ebda mod ma tista' tghin lill-konvenuti, ghaliex ghalkemm fl-istess decizjoni jinghad li n-novazzjoni tista' ssir bil-fomm, haga li ma sehhitx fil-kaz odjern, xorta wahda hem mil-htiega li *"la nuova obbligazzione nulla conserva, per regola, della, natura e degli effetti che aveva l'antica, ma prende la natura e gli effetti proprii della sula indole giuridica"* (**"Giorgio" – "Delle Obbligazioni" Vol. VIII.**

**para. 242)** haga li f'dan il-kaz lanqas remotament ma sehhet. B'hekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda bhala wahda li hija kompletament bla bazi u infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi t-tieni eccezzjoni hija fis-sens li mhux veru li sehhew xi bidliet fic-cirkostanzi tal-konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazing lis-socjeta' attrici u dan peress li hija xorta wahda ghandha ipoteka specjali fuq il-proprjeta' imsemmija fil-kuntratt tat-18 ta' Mejju 1999. Fil-verita' din l-eccezzjoni hija wkoll bla bazi ghaliex l-istess socjeta' konvenuta intrabtet li tosserva l-obbligazzjonijiet minnha specifikatament assunti permezz tal-klawsoli (a) sa (n) tal-istess kuntratt, fosthom li jsiru l-hlasijiet hemm pattwieti, u gie specifikatament pattwiet li fin-nuqqas li wahda minn dawn tigi osservata l-Bank permezz ta' avviz ghandu d-dritt jitlob u jesigi il-hlas ta' dak kollu dovut mis-socjeta' konvenuta f'daqqa u dan anke kif jidher minn paragrafu (n) tal-istess kuntratt u allura ma hemm l-ebda dubju li l-Bank ghandhu dritt jistitwixxi din il-kawza u t-tieni eccezzjoni ma ghandha ebda bazi legali jew fattwali u qed tigi michuda.

Illi inghataw l-eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni mill-intimati Abela personalment abbazi tal-**artikolu 2156 (d) (e) u (f) tal-Kap. 16** li jirreferu ghall-preskrizzjoni ta' hames snin jirrizulta li tali preskrizzjoni tibda' tirrikorri biss mid-data meta l-kont ikun maghluq **("Bank of Valletta plc vs Mantoray Limited et"** – A.C. – 18 ta' Settembru 2009) u jirrizulta l-kont gie maghluq definittivament b'ittra ufficjali datata 6 ta' Lulju 2007 u allura ma hemm l-ebda dubju li la darba l-azzjoni attrici giet istwieta fil-5 ta' Lulju 2010 mela allura tali eccezzjonijiet ta' preskrizzjoni ma' jistax jigu milqugha ghaliex t-terminu ta' preskrizzjoni ma' ddekorriex. Barra minn hekk ma hemm l-ebda prova da parte tal-konvenuti sabiex jindikaw kif ghadda altrimenti dan il-perjodu ta' preskrizzjoni, u allura ghalhekk ukoll din l-eccezzjoni ta' preskrizzjoni a bazi tal-**artikolu 2156 (d) (e) u (f) tal-Kap. 16** qed tigi michuda ghaliex infondata fil-fatt u fid-dritt.

Illi r-raba' eccezzjoni hija fis-sens li fil-kaz tal-iskrittura datata 28 ta' Novembru 2002 l-konvenuti obbligaw ruhhom ghall ammont indikat fi kwalsola 4 tal-istess skrittura u jidher li hemm l-ammont indikat huwa dak ta' Lm6,196 (fol. 19); izda t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti personalment huma ippermjeti mhux biss fuq l-imsemmija skrittura izda anke dik tal-15 ta' Mejju 1999 fejn jidher li l-ammont  hemm indikat huwa dak ta' Lm27,000 oltre interessi u ammonti ohra skond kwalsola 2 (i) (ii) tal-istess skrittura esebita bhala Dok. "B" a fol. 13 tal-process. B'hekk anke din l-eccezzzjoni qed tigi michuda.

Illi il-hames eccezzjoni hija fis-sens li t-talbiet tas-socjeta' attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex fl-ammont rikjamat hemm imghaxijiet fuq imghaxijiet, izda f'dan il-kaz ma hemm l-ebda prova ta' dan u certament li l-konvenuti lanqas biss resqu accenn ta' prova f'dan is-sens u ghalhekk anke din il-hames eccezzjoni qed tigi michuda.

Illi hawn allura gew trattati l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, izda jidher li fin-nota' ta' riferenzi taghhom, il-konvenuti, din il-Qorti thoss li b'mod mhux skond il-ligi jidher li qed iresqu eccezzjonijiet ohra u din hija fis-sens li la darba bank attrici ma mexxiex skond id-disposizzjonijiet tal-**artikolu 1963,** fis-sens li ma agixxiex skond it-terminu li kellhu jagixxi kontra d-debitur principali, f'dan il-kaz is-socjeta' konvenuta, mela allura issa ma jistax jagixxi kontra l-garanti solidali ghaliex b'hekk huma gew pregudikati u dan skond dak indikat fis-sentenza **"Bank of Valletta p.l.c. vs Anthony Ciantar"** (P.A. (JA) – 26 ta' Jannar 2011) u allura la darba dan ma sehhx is-socjeta' attrici issa ma tistax tagixxi kontra l-konvenuti personalment bhala garanti solidali u saret riferenza ghal klawsola hemm indikata fil-kuntratt li kien jezisti bejn il-partijiet fl-istess kawza.

Illi fl-ewwel lok din il-Qorti ma tistax taccetta din is-sottomissjoni peress l-eccezzjonijiet jew difizi ghandhom jitressqu fir-risposta guramentata u mhux fin-nota ta' osservazzjonijiet jew nota ta' riferenzi u dan kif ritenut fis-

sentenza **“Carmelo Vella vs Angelo Zahra et”** (P.A. (RCP) - 25 ta’ Gunju 2009).

Illi ghall grazzja tal-argument biss jinghad li anke kieku din il-Qorti kellha tikkonsidra din l-eccezzjoni jinghad li d-decizjoni indikata mill-konvenuti ma tapplikax ghal kaz in ezami u dan peress li fl-iskrittura privata tal-15 ta’ Mejju 1999 permezz ta’ klawsola 2 tal-istess u dik tat-28 ta’ Novembru 2002 specifikatament klawsola 6 tal-istess jipprovdu b’mod differenti minn dak indikat mill-konvenuti. Infatti klawsola 2 tal-ewwel skrittura tipprovdi li:-

*“This guarantee is to be a continuing security for the whole amount now due or owing to you or which may hereafter at any time become due or owing……”.*

Illi l-klawsola numru 6 tat-tieni skrittura tipprovdi li:-

*“This guarantee will continue to be binding on you nothwithstanding that the Borrower is bankrupt, insolvent, or any step is taken for administration…….”.*

Illi mhux hekk biss izda l-istess skrittura tghid espressament li:-

*“You dispense the Bank from the obligation of proceeding against the Borrower within the time limits established by Section 1963 of the Civil Code (Chapter 16 of the Laws of Malta) and you agree that this guarantee shall continue to be binding upon you nothwithstanding the provisions of the said section, even of the Bank fails to institute judicial proceedings against the Borrower or, having commenced such proceedings, the Bank fails to continue them”.*

Illi l-istess dispensa mill-**artikolu 1963 tal-Kap. 16** tirrikorri skond l-paragrafu 4 tal-ewwel skrittura datata 15 ta’ Mejju 1999 kif jidher minn Dok. “B” a fol. 13 tal-istess, u ghalhekk dak li inghad mill-konvenuti fin-nota taghhom datata 2 ta’ Frar 2011 (fol. 113) (li ma huwiex migjub per via di eccezzjoni fir-risposta guramentata) ma japplikax ghall kaz in ezami, u dan peress li l-imsemmija zewgt skritturi private mertu tal-kawza odjerna jipprovdi

espressament ghall dan u l-applikazzjoni tal-**artikolu 1963** imsemmi minnhom huwa espressament eskluss fl-applikazzjoni tieghu fir-relazzjoni bejn il-Bank u l-konvenuti determinate mill-istess zewgt skritturi. Din il-Qorti allura thoss li tali osservazzjonijiet mhux biss mhux applikabbli ghall kaz in ezami, izda wkoll huma abbussivi u intenzjonati biss sabiex jittentaw jisvijaw lill-Qorti, u dan ghaliex minn semplici qari tal-istess skritturi, jirrizulta kif hawn indikat, li l-istess jipprovdu espressament l-oppost ta’ dak li l-konvenuti qed jippretendu jew jissottemettu fl-istess noti ta’ riferenzi jew osservazzjonijiet jew kontro-replika taghhom.

Illi ovvjament din il-Qorti lanqas taqbel ma’ dak sottomess mill-konvenuti f’paragrafu 4.2. tan-nota ta’ sottomissjoni taghhom tat-18 ta’ April 2011, kemm minhabba dak li gie ritenut aktar il-fuq (inkluz li ma hemmx eccezzjoni f’dan is-sens fir-risposta guramentata) u wkoll peress anke kieku kellha tigi njorata ghall grazzja tal-argument biss tali dispensa espressament provduta fl-imsemmija skritturi, xorta wahda hija l-gurisprudenza konstanti li f’kaz ta’ solidarjeta’ din hija ekwiparabbli ghall dik ta’ ko-debitur, b’dan li l-bank jista’ jdur anke fuq il-garanti qabel ma jdur fuq il-kreditur stess **(“Emanuel Baldacchino vs Joseph Schembri”** A.K. – 2 ta’ Dicembru 1963 – Vol. XLVII.i.560).

Illi dan kif anki kkonfermat mis-sentenza tal-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell (App. Kumm.- 19 ta’ Mejju 1995 – Vol.LXXIX.ii.947) fl-ismijiet **“Av. Dott. Henry sive Eric Mamo noe vs Charles Psaila et”** citata fis-sentenza **“APS Bank Limited vs Colcam International Marketing Associates Limited et”** (P.A. (RCP) – 6 ta’ Frar 2003) fejn intqal:-

*“…minhabba li hawn si tratta mhux ta’ garanzija semplici imma ta’ wahda in solidum cjoe’ joint and several il-konsegwenza hija illi l-garanti in solidum fit-termini ta’ l-artikolu 1935 (b) tal-Kodici Civili huwa fl-istess posizzjoni tad-debitur u ma jistax jitlob jew jopponi l-eccezzjoni ta’ l-eskussjoni jew il-beneficcju tad-divizjoni. In fatti l-effetti tal-garanzija solidali principalment jirrisolvu ruhhom proprju*

*f'dan bil-konsegwenza illi l-kreditur huwa moghti d-dritt illi jagixxi direttament kontra l-garanti solidali minghajr il-htiega li qabel jagixxi kontra d-debitur principali jew li jirrikorri ghall-eskussjoni jew ghad-divizjoni tal-beni qabel ma jkun jista' jagixxi kontra l-garanti solidali."*

Illi ghalhekk anke din is-sottomissjoni qed tigi michuda u ghalhekk peress li l-premessi attrici gew ilkoll ippruvati din il-Qorti qed tilqa' t-talbiet attrici fil-waqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuti, nkluza dik ta' preskrizzjoni abbazi tal-**artikolu 2156 (d) (e) u (f) tal-Kap. 16** kif hawn deciz.

## <u>III. KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad it-tielet eccezzjoni ta' preskrizzjoni sollevata mill-konvenuti Peter Paul u Rose konjugi Abela abbazi tal-**artikolu 2156 (d) (e) u (f) tal-Kap. 16** ghaliex hija nfondata fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz, u fil-waqt li tichad ukoll l-eccezzjonijiet l-ohra kollha tal-konvenuti kif kontenuti fir-risposta guramentata taghhom datata 9 ta' Novembru 2010 ghaliex huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt, **tilqa' t-talbiet attrici** fis-sens hawn deciz b'dan illi:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskritturi fuq imsemmija (u ezibiti bhala Dokumenti "A", "B" u "C") partikolarment imma mhux esklussivament, billi s-socjeta' Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skritturi, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skritturi sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi tal-istess socjeta' Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibbilta' tal-hlas lura tal-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lis-socjeta' Abbazia Co. Limited u Peter Paul u Rose mizzewgin Abela, jhallsu lis-socjeta' attrici s-

somma ta' tlieta u erbghin elf, seba' mija u tnejn u hamsin ewro u disgha u sebghin centezmu (€43,752.79) bilanc ghad-debitu fil*"Loan Accounts"* tas-socjeta' Abbazia Co. Limited mal-Bank of Valletta p.I.c. (Dok. "D 1" sa "D S" u Dok. "E 1" sa E 7") flimkien mal-imghax ulterjuri mill-24 ta' April 2010 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-erba' ittri ufficjali datati 6 ta' Lulju 2007 kontra l-konvenuti flimkien u solidalment bejniethom.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------